# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 14 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 44.**

**Citazz. Nru. 1022/00 JRM.**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Andrew u Carmen mizzewgin Zahra.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet;

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti, in atti Nutar Dottor Carmel Mangion, datati 3 ta' Ottubru 1991 (Dok "A") u 7 ta' Ottubru 1993 (Dok "B") is-socjeta' attrici

Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan u Overdraft Facilities" lill-konvenut Andrew Zahra;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Andrew Zahra fis-somma ta' sebat elef, tmin mija u tmin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm7,808.58) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Andrew Zahra mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C31" u Dok "D1 sa D3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Dicembru 1998 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E", sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk il-konvenuti talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

(1) tikkundanna lil Andrew u Carmen mizzewgin Zahra jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, tmin mija u tmin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm7,808.58) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Andrew Zahra mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C31" u Dok "D1 sa D3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Din l-interpellanza qed issir ukoll minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohrajn intavolati kontra l-konvenuti mis-socjeta' attrici ghal bilanci ohra dovuti mill-istess konvenuti li ghalihom is-socjeta' attrici qed tipprocedi f'istanzi separati;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Dicembru 1998 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontstwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-noti tas-socjeta' attrici tas-6 t'Ottubru, 2000, u tal-llum stess li bihom rriduciet it-talba b'elf mitejn u erbghin liri

Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1240.25) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Semghet id-dikjarazzjoni;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici limitatament ghas-somma ta’ sitt elef sitt mija u tmienja u sittin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm6668.33) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**14, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**14, ta' Novembru, 2000.**